A.L. 312 ta' l-2001

ATT TA' L-2000 DWAR AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

(ATT NUMRU XIX TA' L- 2000)

Ordni ta' l- 2001 tal-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* (Twaqqif tad-Direttorat tal-Metroloġija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artiklu 3(14) tal-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi għamel dan l-Ordni li ġej: -

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l- 2001 ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* fuq it-Twaqqif tad-Direttorat tal-Metroloġija.

(2) Dan l-Ordni jipprovdi għat-twaqqif, organizzazzjoni u tħaddim tad-Direttorat tal-Metroloġija fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*.

(3) Dan l-Ordni jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2002.

Tifsiriet.

2. F'dan l-Ordni għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:–

"Att" ifisser l-Att ta' l- 2000 dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* ;

"kalibrar" tħaddan l-operazzjonijiet kollha li jsiru bl-iskop li jiddeterminaw id-daqs ta' żbalji ta' strument li jkejjel;

"Kap ta'Direttorat" ifisser il-persuna maħtura għal dik il-kariga skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 3(17) ta' l-Att;

"metroloġija legali" hija dik il-fergħa tal-metroloġija li tittratta unitajiet ta' kejl, metodi ta' tikjil u strumenti li jkejjlu, f'relazzjoni mal-ħtiġiet tekniċi u legali mandatarji li għandhom l-iskop li jiżguraw l-eżattezza tat-tikjil kif għandu jkun;

"metroloġija" hija l-qasam tat-tagħrif li għandu x'jaqsam mal-kejl;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar L-Użin u Kejl, Kap 39;

"*Standard* ta' Kejl Funzjonali" hu *standard* ta' kejl li, meta kalibrat ma' *standard* ta' kejl nazzjonali, hu maħsub biex jivverifika strumenti li jkejjlu oħra li jkunu ta' inqas eżattezza;

"*Standard* ta' Kejl Nazzjonali" hu *standard* ta' kejl bażi biex ikun stabbilit il-valur f'pajjiż ta' l-i*standards* l-oħra kollha ta' kwantità speċifikata;

"*standard* ta' tikjil" hu strument li jkejjel maħsub biex jiddefinixxi, jirrappreżenta fiżikament, jikkonserva jew jirriproduċi l-unità ta' kejl ta' kwantità, jew ta' multiplu jew sotto-multiplu ta' dik l-unità, biex jgħaddiha lil strumenti li jkejjlu oħra b'mod ta' taqbil;

"strument li jkejjel" hu apparat maħsub biex jintuża biex jittieħdu qisien, waħedhom jew flimkien ma' apparat jew apparati supplementari;

"traċċabilità" tfisser il-propjetà tar-riżultat ta' kejl li hi relatata, permezz ta' katina mhix maqtugħa ta' tqabbiliet, ma' *standards* ta' kejl internazzjonali;

"verifika" tfisser l-operazzjonijiet kollha magħmulin mid-Direttorat tal-Metroloġija li għandhom l-iskop li jaċċertaw u jikkonfermaw li l-istrument li jkejjel ikun jissodisfa għalkollox il-ħtiġiet ta' l-Ordinanza fir-rigward tal-verifika.

Twaqqif tad-Direttorat tal-Metroloġija.

3. (1) Għandu jitwaqqaf u jkun hemm, fl-Awtorità u kif ipprovdut fl-artikolu 3(14) ta' l-Att, Direttorat tal-Metroloġija.

(2) Id-Direttorat tal-Metroloġija għandu jkun il-korp nazzjonali responsabbli għal materji li għandhom x'jaqsmu mal-metroloġija u l-metroloġija legali f'Malta. Il-funzjonijiet ewlenin tad-Direttorat tal-Metroloġija għandhom jikkonsistu, b'mod partikolari, f'dan li ġej:

(a) li jkun responsabbli għall-esekuzzjoni, manutenzjoni u konservazzjoni ta' *Standards* ta'Kejl Nazzjonali u li jżomm dejjem l-eżattezza tagħhom bit-tqabbil ma' *standards* ta' kejl internazzjonali;

(b) li jipprovdi *Standards* ta' Kejl Funzjonali ta' eżattezza addatta għall-użu f'Malta, bi tqabbil ma' l-i*Standards* ta' Kejl Nazzjonali;

(ċ) li jkun responsabbli għall-i*Standards* ta' Kejl Nazzjonali u t-traċċabilità tagħhom;

(d) li jorganizza l-attività ta' kalibrar u traċċabilità nazzjonali;

(e) li jħejji u jimplementa l-istrateġija metroloġika nazzjonali;

(f) li jagħmel xogħol xjentifiku u tekniku fl-oqsma kollha tal-metroloġija u metodi ta' kejl;

(g) li jieħu sehem fix-xogħol ta'organizzazzjonijiet nazzjonali oħra interessati fil-metroloġija;

(h) li jxerred informazzjoni li għandha x'taqsam mal-metroloġija;

(i) li jkun responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti tal-metroloġija kollha maħruġin bis-saħħa ta' l-Ordinanza;

(j) li jkun responsabbli għall-esekuzzjoni u l-kalibrar ta' *standards* ta' kejl u ta' tagħmir ta' verifika;

(k) li jgħasses, jikkontrolla u jissorvelja l-manifattura u t-tiswija ta' strumenti li jkejjlu;

(l) li jġib għall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kull frodi fir-rigward ta' kejl fil-provvista ta' oġġetti u servizzi;

(m) li jipprovdi biex isiru eżamijiet bl-iskop li jkun aċertat jekk persuna jkollhiex biżżejjed ħila, għarfien u integrità professjonali biex tkun tista' taqdi kif għandu jkun il-funzjonijiet tagħha li jridu jkunu esegwiti bis-saħħa ta' l-Ordinanza;

(n) li jikkollabora mal-korpi ta' spezzjoni rilevanti fl-oqsma ta' strumenti li jkejjlu u prodotti ppakkjati minn qabel;

(o) li jżomm kuntatt ma' istituzzjonijiet nazzjonali barranin li għandhom skopijiet simili u li jirrappreżenta lil Malta f' istituzzjonijiet metroloġiċi internazzjonali.

(3) Il-funzjonijiet tekniċi u ta' l-infurzar relatati magħhom kif ukoll l-inkarigi ta' organizzazzjoni fil-qasam tal-metroloġija, kif stipulati f'dan l-Ordni u f' kull liġi oħra, għandhom ikunu esegwiti mid-Direttorat tal-Metroloġija.

(4) Il-funzjonijiet tad-Direttorat tal-Metroloġija skond dan ir-regolament għandhom japplikaw fl-oqsma tat-transazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi, fi proċeduri quddiem l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji u fil-ħarsien tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà u ta' l-ambjent.

Il-Kap tad-Direttorat tal-Metroloġija.

4. (1) Għandu jinħatar Kap tad-Direttorat tal-Metroloġija skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3(17) ta' l-Att.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Ordni, id-Direttorat tal-Metroloġija għandu jkun funzjonalment indipendenti mill-Awtorità fir-rigward ta' materji ta' operat u, b'mod aktar speċifiku, fir-rigward ta' materji tekniċi fil-qasam tal- kompetenza tiegħu. B'mod partikolari, id-Direttorat tal-Metroloġija għandu jkun indipendenti minn kull struttura oħra jew uffiċċjal ieħor ta' l-Awtorità fl-implimentazzjoni tal-funzjonijiet elenkati fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 3.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-Direttorat tal-Metroloġija għandu jkun jopera kif soġġett għall-kontroll amministrattiv u finanzjarju ta' l-Awtorità u kif ipprovdut fl-Att kif ukoll soġġett għall-politka ġenerali ta' l-Awtorità.